**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Paul Farrugia**

**Vs**

**Salvina Grech et**

**Rikors Nru: 232/18**

Illum 15 ta' Lulju 2019

Il-Bord,

Permezz ta' dan id-digriet il-Bord qeghda jiddeciedi talba mressqa mill-intimata sabiex il-Bord jissoprassjedi s-smiegh ta' dawn il-proceduri pendenti l-ezitu ta' proceduri ohra quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).

Ir-rikorrenti joggezzjona ghal tali talba.

Ikkunsidra:

Ir-rikorrenti pprezentat rikors ai termini tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 kif emendat fejn intalab li jitwettaq it-test tal-Mezzi.

L-intimati fost id-diversi eccezzjonijiet eccepew l-inapplikabilita' tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jirrizulta wkoll li r-rikorrent odjern fetah ukoll proceduri kostituzzjonali fejn qeghdin jallegaw li bit-thaddim tal-artikolu 12 tal-Kap 158 kif emendat bl-Att XXIII tal-1979 qieghed jilledi d-drittijiet fondamentali tieghu ghat-tgawdija tal-proprjeta' kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Kap 319.

F'dawk il-proceduri kemm l-Avukat Generali kif ukoll l-intimata odjerna minhabba l-fatti u cirkostanzi tal-kaz eccepew li l-Kapitolu 158 mhux applikabbli billi l-koncessjoni enfitewtika kienet skadiet qabel id-dhul fis-sehh tal-emendi tal-1979 u ghalhekk isostnu li l-kirja kontrattata saret bi qbil bejn il-partijiet u ghaldaqstant huwa applikabbli l-kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fid-digriet fl-ismijiet **Angelo Mallia et vs David Mallia et**[1] inghad:

*"Gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna li l-Qorti ghandha tilqa' talba ghas-soprasessjoni:*

*· meta hu spedjenti li taghmel hekk; (Vol 39 p 1 p467 Galea vs Galea u App.Civ. Cassar vs Xuereb 12.3.73;)*

*· meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li tiddependi minn kawza tkun Vol XLVI p2 p 591;*

*· Il-Qorti m'ghandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun ser tbati pregudizzju.;*

*· Is-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u ghandu jigi applikat biss jekk hu necessarju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. (Vol XL1 p1 p 507).*

[1] Cit Nru: 2400/1997GV moghti fil-31 ta' Mejju 2004

*Ara wkoll Cuschieri vs On.P.M. (Kostituzjonali 12/8/94)*

*Principju kardinali fil-procedura civili hu li kawza ghandha tinbeda u ghandha tinstemgha sa ma tinqata'. Il-provvediment ta' soprasessjoni hu mizura eccezzjonalissima billi tiffrena l-andament normali ta' kif kawzi ghandhom jimxu".*

Dan gie wkoll ribadit fid-digriet fl-ismijiet **Joseph Gaffarena et vs Mixer Concrete Works Limited et** [2] *jinsab ritenut fil-gurisprudenza li s-soprassessjoni huwa rimedju straordinarju li l-Qorti ghandha tirrikorri ghalih biss meta hu mehtieg fl-interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja f' kaz li tinqala' kwistjoni li d-decizjoni taghha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-esitu tal-kawza, u fl-istess hin ma tistax tigi ezaminata fl-istess kawza jew ikun spedjenti li tigi ezaminata f' kawza ohra separata. Is-soprassessjoni huwa ndikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta. Huwa provvediment rimess ghad-diskrezzjoni tal-gudikant skond ic-cirkostanzi partikolari u specjali ta' kull kaz. [Vol.41C App.[1957]; Vol.46C PA.[1962]; Vol.LXXXIII.II.397 App.]*

Il-Bord jidhirlu li ghandu jilqa' t-talba ghas-soprasessjoni billi jidhirlu li r-rizoluzzjoni tal-punt imsemmi mertu tal-vertenza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) li huwa identiku ghal dak quddiem dan il-Bord jincidi direttament fuq il-proceduri odjerni billi jekk l-intimata tinghata ragun isegwi li t-test tal-mezzi u n-nomina ta' periti li solitament isiru fil-proceduri odjerni jkunu kollha saru inutilment.

Ghal dawn il-motivi l-Bord qieghed jilqa' t-talba tal-intimata ghas-soprasessjoni tal-proceduri odjerni sakemm jigu decizi l-proceduri fl-ismijiet **Paul Farrugia vs Salvina Grech et (Rik Nru: 232/2018)** ipprezentati fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), bil-proceduri odjerni riappuntabbli fuq rikors ta' parti jew ohra.

Bl-ispejjez ta' dan l-incident rizervati ghall-gudizzju finali.

[2] Rik Nru: 391/2004NC moghti fis-27 ta' Mejju, 2005

**Dr Josette Demicoli LL.D.**

**Magistrat**

**Cora Azzopardi**

**Deputat Registratur**